MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Numru 117/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Stephen Mallia
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Stephen Mallia detentur ta' karta ta' identita' numru 253372(M), akkuzati talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu bejn Jannar 2006 u Lulju 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi

holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

3. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

4. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-akkuzat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Ikkonsidrat:

Inizjalment l-akkuzat kien mixli flimkien ma' terzi izda fuq talba mill-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju billi l-akkuzat ma kienx gie notifikat l-kawza ipprocediet fil-konfront tal-ko-akkuzati u fir-rigwar taghhom giet deciza.

F'din l-udjenza u allura wara li l-akkuzat gie finalment notifikat huwa deher u ammetta l-akkuza li fil-konfront tieghu hija ta' falsifikazzjoni.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu l-Qorti tiddikjarah hati tal-akkuza kontrih dedotta. Wara li rat l-Artikolu 18, 183, 184, 188, 189, 17 tal-Kap 9 tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sentejn mil-lum bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija f'dan il-perjodu.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------